# L-ARKITTETURA FIL-KNISJA TA' SANTA KATARINA V.M.



L-ewwel knisja parrokkjali taż-Żejtun kienet il-knisja ta' Bisqallin li nbniet mal-miġja tal-Konti Ruġġieru. Iżda wara xi żmien bdiet isservi ta' parroċċa l-knisja ta' Santa Katarina, magħrufa bħala ta' San Girgor. Madankollu, hekk kif bdew igerrbu s-snin bdiet tikber il-popolazzjoni tar-raħal u għalhekk bdiet tinħass aktar il-ħtieġa ta' knisja akbar.

Għall-ħabta tal-1690, in-nobbli Girgor Bonnici ta biċċa art lill-knisja sabiex fuqha tkun tista' tinbena l-knisja li naraw illum. Tabilħaqq kienet biċċa art idejali biex tinbena l-knisja fuqha, dan għax kif naraw sal-lum; il-knisja tagħna hi mibnija fuq l-aktar parti għolja tar-raħal, b'hekk tħares minn fejn tħares l-knisja tiddomina r-raħal; karateristika importanti fil-bini tar-raħal antik Malti.

Id-disinn tal-knisja ta' Santa Katarina hu tal-famuż arkitett Malti Lorenzo Gafa' (1630-1710). Fost ix-xogħlijiet ta' Gafa' nsibu: il-knisja ta' Sarrija, l-Furjana (1678); Santa Skolastika (1679) u San Lorenzo (1681) tal-Birgu; il-kappella "Tal-Ħlas" f'Ħal-Qormi (1690); San Nikola tas-Siġġiewi (1693); il-Katidral tal-Imdina (1697) u l-Katidral ta' Għawdex fl-eta ta' 67 sena.

Fl-1692, Gafa' lesta d-disinn tal-knisja tagħna biex b'hekk fil-25 ta' Novembru tal-istess sena, l-Isqof Cocco Palmieri bierek l-ewwel ġebla fil-preżenza tal-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Ugolino Bonnici. Il-bini tlesta fl-1720, iżda iż-żewġ kappelluni tlestew għoxrin sena wara u n-navi tlestew fl-1778. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Alferan fil-11 ta' Mejju 1744.

Il-knisja hi mibnija forma ta' salib Latin b'kor, żewġ kappeluni, kursija u żewġ ali laterali. Fiha tnax il-artal u b'tul ta' 46 metru (153 pied), u wisa ta' 33 metru (111 pied) mill-kappelluni u l-kursija wiesgħa 9 metri (31 pied) oħra. (1)

Il-knisja taż-Żejtun meta mqabbla ma' dik tal-Birgu (San Lawrenz) li saret ħdax il-sena qabel tagħna, hija isbaħ u aktar eleganti fl-istil.

Hawnhekk Gafa' jagħmel użu sħiħ mill-ordnijiet kollha; l-ewwel ordni, Doriku u l-Ioniku fuqu. B'hekk il-faċċata tal-knisja tidher għola. Biex iżid ma' dan Gafa' uża l-ordni ta' fuq tul il-faċċata kollha u jibqa' jdur mal-ġnub tal-knisja wkoll, biex b'hekk ifforma waħda mill-isbaħ strutturi fuq il-gżira. (2) Bejn il-pilastri Gafa' daħħal il-ħnejjiet li bla ma trid iserħulek għajnejk mill-linji dritti. Il-kampnari li jħarsu lejn il-punent, huma itwal u isbaħ minn dawk ta' San Lawrenz, fejn Gafa' ħoloq effett qawwi billi ħadem b'pilastri doppji. Fil-knisja tagħna, il-kampnari huma mibnija isbaħ bis-saħħa tal-pilastri mtella' fuq xulxin. B'hekk il-kampnari jidhru idjaq u l-effett tad-dawl u d-dell jispikk aktar. Il-frontispizju m'huwiex ħlief sular ieħor b'pilastri qosra li jiffurmaw it-tielet ordni; fit-truf għandu għamla ta' rombli (scroll) u b'biċċiet ta' fruntun fit-tond. Fil-faċċata l-pilastri huma miġbura flimkien u b'hekk joħroġ aktar fil-fond fil-komposizzjoni; fil-ġnub ma kienx hemm bżonn ta' dan, minħabba fid-dellijiet li jaqaw fuq il-ħitan u għalhekk il-pilastri ssibhom wehedhom jew doppji.

Il-koppla hija biċċa xogħol mill-aqwa li flimkien ma' dik tal-Katridral tal-Imdina magħmula minn Gafa' stess huma l-isbaħ żewġ koppli ta' Malta (3). Ta' min isemmi li l-koppla ta' Gafa' kienet mingħajr anterna. Kien l-Arċipriet Dun Lawrenz Degabiriele li ħaseb li jagħmel il-koppla kif tixraq għat-tempju sabiħ li fuqu qiegħda. Għal dan il-għan kellha tinħatt l-iskutella li kien hemm li ma kienetx b'saħħitha biżżejjed biex tiflaħ l-anterna. Ix-xogħol ġdid sar mit-twieqi l-fuq, jiġifieri l-iskutella u l-anterna. Ix-xogħol inbeda fil-31 ta' Marzu 1907 u fil-31 ta' Awissu tal-istess sena kien lest. (4) Biex ix-xogħol sar daqshekk malajr, il-ħaddiema tant kienu jbakkru li biex jisimgħu l-quddies kien jitla' s-saċerdot fuq il-lant tax-xogħol. Il-periti kienu s-sinjuri Salvu Sacco u Mabbli Lupi, u l-imgħallmin tal-bini kienu Ġużepp Zahra li għamel id-disinn u Karmnu Vella, dak li l-aktar li kien tħabat biex isir ix-xogħol. L-ispejjes inġabru minn fuq il-poplu taż-Żejtun.

Tajjeb li wieħed ifakkar li l-knisja tagħna għadha mhix lesta għal kollox wara kważi tlett mitt sena. F'dik li hi dekorazzjoni interna, fadal l-indurar tal-kaptelli fil-kor u ż-żewġ navi ta' Sant Andrija u ta' San Ġużepp. Ma' dawn hemm xogħol ta' restawr fuq opri u xogħol strutturali li jirrikjedu kapaċita' u sommom kbar ta' flus. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nħeġġeġ lil poplu Żejtuni, li minn dejjem ħabb il-knisja biex ikun ġeneruż fl-offerti tiegħu biex ma nitilfu ebda opra li ħallewlna missirijietna. Il-festa t-tajba lil kulħadd.

(1) Alfie Gullaumier p. 566
(2) Quentin Hughes p. 100
(3) Quentin Hughes p. 100
(4) E.B. Vella p. 117

RUBEN ABELA